C/2025/6087

10.11.2025

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2025/6087)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

fil-paġna 198, fin-Nota ta' Spjegazzjoni għas-subintestaturi NM ***3907 61 00 u 3907 69 00****, jiżdied paragrafu ġdid wara it-test eżistenti:*

"Dawn is-subintestaturi jinkludu wkoll kopolimeri tal-aċidu tereftaliku, tal-etilenglikol u diol wieħed ieħor jew aktar, bħad-dimetanol taċ-ċikloeżan jew il-glikol tan-neopentil, dment li l-unitajiet ta' monomeri tat-tereftalat tal-polietilen jippredominaw fil-kopolimeru skont il-piż.

Il-prodotti tal-poliester li fihom l-unitajiet ta' monomeri tat-tereftalat tal-polietilen ma jippredominawx fil-kopolimeru skont il-piż għandhom jiġu kklassifikati bħala poliesteri oħrajn (is-subintestatura 3907 99)"

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.